# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023**

**Kawża Nru: 2837/2023**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent James Grech)**

**vs**

**Artan Coku (K.I. 0055278A)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat u ċioé:

*talli nhar it-08 ta' Mejju 2023,*

*i. ma riedx jaħlef jew jixhed meta hekk kien meħtieġ mill-qorti presjeduta mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello LL.D fil-kawza il-Pulizija vs Begtash Muka;*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara li ġie kkundannat għal reat b'sentenza liema sentenza saret definittiva u ma tistax tibidel*[1] *;*

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2023[2].

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Mejju 2023, permezz ta' liema ġiet miċħuda t-talba tal-imputat għar-referenza kostituzzjonali u konvenzjonali[3].

Semgħet ix-xhieda tas-Supretendent James Grech[4].

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-prosekuzzjoni u tad-difiża[5].

Rat l-atti proċesswali kollha u rat li din il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

**1) Fatti**

Illi l-fatti li jemerġu mill-atti proċesswali ta' dan il-każ huma s-segwenti. L-imputat, jinsab mixli bi ksur tal-artikolu 522(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li huwa rrifjuta li jagħti x-xhieda tiegħu fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023 fil-kawża fl-ismiijet **Il-Pulizija vs Begtash Muka.** F'dawk il-

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] Verbal relattiv jinsab a fol 2 *et seq* tal-proċess.
[3] Digriet relattiv jinsab a fol 16 *et seq* tal-proċess.
[4] Magħmula waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2023. Xhieda relattiva tibda a fol 25 tal-proċess.
[5] Liema trattazzjoni ġiet debitament traskritta u tinsab a fol 31 *et seq* tal-proċess.

proċeduri huwa ġie mħarrek sabiex jixhed fuq talba tal-Avukat Ġenerali[6] iżda la ried jaħlef u wisq anqas jixhed[7].

Illi qabel xejn, kif anke ġie enfasizzat fid-digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Mejju 2023[8], huwa utli li tiġi investigata l-ewwel u qabel kollox id-difiża ġab l-imputat u ċjoé jekk dawn il-proċeduri humiex bi ksur tal-prinċipju *ne bis in idem.* Mill-atti huwa ċar li din hija l-unika difiża li qiegħed iqajjem l-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Wara kollox, jekk dan il-ħsieb jiġi mħaddan minn din il-Qorti, allura ma jkunx hemm ħtieġa t'investigazzjoni ulterjuri, ġaladarba dan ikun iwassal għall-eżawriment ta' dawn il-proċeduri[9].

Illi l-imputat jargumenta li dawn il-proċeduri ma setgħu qatt jiġu preżentati u skond hu ma tista' qatt tinstab ħtija fil-konfront tiegħu għaliex huwa kien diġà għadda proċeduri meta kien irrifjuta li jagħti x-xhieda tiegħu fil-proċeduri pendenti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Begtash Muka**, nhar **id-9 ta' Marzu 2023**.

Illi jkun utli li, anke jekk b'mod konċiż din il-Qorti tinvesti ftit fl-aspetti ġenerali ta' din it-tip ta' difiża.

---

[6] Dan a tenur ta' dak li jrid l-artikolu 405(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[7] Hekk kif jemerġi mill-verbal relattiv, immarkat bħala Dok JG a fol 6 *et seq* tal-proċess.

[8] Fid-digriet relattiv kien diġà intqal li anke fin-nuqqas t'eċċezzjoni formali, huwa obbligu fuq il-Qorti li tinvestiga din il-linja difensjonali *marte propio.* F'dan is-sens, fost diversi, issir referenza għas-segwenti deċiżjonijiet u ċioé **Il-Pulizija vs George Attard,** (App Nru: 299/2021) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri) nhar it-28 ta' Marzu 2023 u **Il-Pulizija vs Anthony Gauci,** (Appell Kriminali Numru. 145/2002) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri) nhar il-24 ta' Ottubru 2022.

[9] F'dan is-sens, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eugene Galea,** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Frar 2017 fejn ġie mfakkar li: "Fil-qasam tad-dritt penali huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tanne bis in idem, *"The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."*

## 2) Ne Bis in Idem

Illi huma essenzjalment tlieta l-istrumenti legali li jagħtu ħajja lil dan il-prinċipju[10]. Għalkemm jeżistu xi sfumaturi bejnhom[11], fil-veritá lkoll jridu l-

---

[10] L-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."* L-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jgħid hekk: *"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat: Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja."* Imbagħad l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem jgħid hekk: *"1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat. 2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ. 3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni."*

[11] Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Fenech,** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Ġunju 2014 ġie ritenut hekk: *"Il-Qorti ezaminat id-differenzi sottili illi hemm bejn il-Kodici Kriminali u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Filwaqt illi l-Kodici Kriminali jitkellem ghall-istess fatt li jkun suggett tal-kawza l-ohra, il-Kostituzzjoni ta' Malta titkellem dwar l-istess reati "li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat ...". Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fuq imsemmija kontra George Azzopardi qalet, "L-Interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghal akkuzi li dwarhom già ghadda in gudikat jekk l-akkuzi godda setghu jigu inkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza." M'hemmx dubbju illi l-akkuzi odjerni huma alternattivi ghall-akkuzi originali li taghhom l-appellat kien digà misjub hati u l-istess provi illi ngabu f'dik il-kawza jistghu jingiebu f'din il-kawza sabiex il-Prosekuzzjoni jkollha success fil-kawza taghha u dana huwa proprju l-argument illi ngab fil-kawza irrapportata mill-ewwel Qorti "Sua Maesta Il Re versus Agatha Mifsud u Carmelo Galea" (15.6.19.18) fejn intqal fost affarijiet ohra "The true test by which the question whether such a plea is a sufficient bar to any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."* Issir referenza wkoll għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Vella vs l-Avukat**

istess ħaġa u ċjoé li persuna ma tiġix mixlija b'sett ta' proċeduri kriminali oħra wara li tkun għaddiet diġà minn xi proċeduri tal-istess natura fuq l-istess fatt jew reat. L-aktar protezzjoni wiesgħa hija dik offruta mill-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. L-awtur **William A. Schabas** dwar dan jgħid hekk: *"The right enshrined in article 4 of Protocol No. 7 applies not only to a second conviction for the same offence but even to a second prosecution. Indeed, it is violated by the initiation of proceedings and not just by their completion. Otherwise, it would not have been necessary to add the word "punished" to the word "tried" since this would be mere duplication. Article 4 of Protocol No. & applies even where the individual has merely been prosecuted in proceedings that have not resulted in a conviction. It applies even where the individual has merely been prosecuted in proceedings that have not resulted in a conviction. The right applies to a person who is convicted in the first proceeding and acquitted in the second, because he or she has been prosecuted a second time. In other words, it has three distinct guarantees, providing that no one shall be (i) liable to be tried, (ii) tried or (iii) punished for the same offence"*[12].

Illi għal din il-Qorti l-ebda waħda minn dawn l-elementi ma jissussistu u fil-każ tal-lum. Id-data tat-8 ta' Mejju 2023, li fiha l-imputat għażel li ma jieħux il-ġurament u li jagħti x-xhieda tiegħu hija **totalment differenti** minn dik ta' meta għamel l-istess preċedentement, fid-9 ta' Marzu 2023. Għalhekk, il-fatti li jwasslu għal dan ir-reat huma totalment distinti u separati minn dak li diġà ġie kkundannat l-istess imputat fid-9 ta' Marzu 2023. Ir-rifjut tiegħu f'din it-tieni data ma setgħet qatt tkun antiċipata bl-ewwel ksur. B'hekk għal din il-Qorti, teżisti l-ipoteżi ta' reat kull darba li l-imputat jiddeċiedi illi ma joqgħodx għall-ordni ta' Qorti illi

---

**Ġenerali,** (Appell Ċivili Numru. 9/2008/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-25 ta' Mejju 2020.

[12] Bran meħud minn **The European Convention on Human Rights – A commentary** – Oxford University Press, 2017, a fol 1150.

jagħti x-xhieda tiegħu.  Mingħajr aktar dilungar żejjed, l-effett tar-rifjut tiegħu huwa wieħed istantanju u kull darba li ma jixhidx f'seduta partikolari, huwa jista' jesponi ruħu għal dawn it-tip ta' proċeduri. Għalhekk wieħed la jista' jitkellem dwar l-istess fatt u wisq anqas dwar l-istess reat.

Illi utli jinġieb eżempju għal-aħjar illustrazzjoni ta' dak li qiegħed jingħad. Jekk persuna hija obbligata li tħallas manteniment fix-xahar b'kuntratt pubbliku jew b'digriet tal-Qorti u tonqos milli tħallas għal **dak ix-xahar partikolari**, allura ma tistax terġa titressaq akkużata bl-istess reat **għall-istess xahar**. Mill-banda l-oħra però, ma hemm assolutament xejn li jwaqqaf, f'każ li dik il-persuna terġa', abbażi tal-istess digriet u favur l-istess persuna, tiġi akkużata b'reat ieħor jekk terġa tonqos milli tħallas l-istess manteniment għal **xi xahar ieħor.** L-argument ikollu xi siwi jekk fit-tieni sett ta' proċeduri jkun hemm inkluż l-istess offiża għad-data jew dati rilevanti għall-ewwel proċeduri. F'dan il-każ, l-imputat mhux qiegħed jiġi mixli għaliex ma xehedx fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 imma qiegħed jiġi mixli għaliex ma xehed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023.

Illi għal din il-Qorti allura din il-linja difensjonali, li fil-verita kienet l-unika waħda imressqa mid-difiża, hija ħażina u qiegħda tiġi mwarrba. Dak li seħħ fid-9 ta' Marzu 2023 huwa totalment distint u sperat minn dak li seħħ fit-8 ta' Mejju 2023. Għal din il-Qorti la hemm il-*bis* u wisq anqas l-*idem.*

Illi mwarrba d-difiża tan-*ne ibs in idem,* il-Qorti sejra tistħarreġ jekk f'dan il-każ, l-imputat wettaqx ir-reat li jinsab mixli bih.

3) **Mertu tar-reat**

Illi f'dawn il-proċeduri l-imputat huwa mixli b'nuqqas talli **bħala xhud kompetenti u kompellabli** naqas li jieħu l-ġurament u jagħti l-verżjoni tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda[13]. Huwa tajjeb li jingħad jiġi mfakkar li xhieda ta' persuni huma kruċjali fis-sistema ġudizzjarja tagħna għaliex hija bis-saħħa ta' dawn li proċess ġudizzjarju jista' jingħata ħajja u eventwalment jiġi deċiż. Tant kemm ix-xhieda hija importanti, li l-leġislatur ħaseb ukoll għar-reati speċifiki għal min, b'xi mod, jittanta jikkorrompi xhud[14].

Illi l-eċċezzjonijiet maħsuba fil-liġi għal min ma jistax jiġi mġiegħel jixhed mhumiex applikabbli fil-każ tal-imputat.

Illi f'dan il-każ, ġie ppruvat mingħajr ebda dubju, għaliex wara kollox il-verbal relattiv jitkellem waħdu, li huwa għażel li la jieħu l-ġurament u wisq anqas jixhed. Ma hemm ebda dubju għal din il-Qorti li l-elementi materjali ta' dan ir-reat seħħew fit-totalita' tagħhom.

Illi l-argument li donnu jagħmel l-imputat li mhijiex il-Pulizija li trid ix-xhieda tiegħu fil-proċeduri kontra Begtash mhuwiex wieħed fejjiedi. Fl-ewwel lok l-imputat kien mitlub mill-Avukat Ġenerali li qiegħed imexxi dawk il-proċeduri. Fit-tieni lok, is-Supretendent James Grech, fix-xhieda tiegħu ixejjen totalment din il-linja difensjonali (jekk tista' tissejjaħ hekk) meta spjega hekk:

---

[13] Dwar studju profond tal-artikolu in kwistjoni, din il-Qorti tirreferi, kemm għal-ġurisprudenza hemm riferuta u kif ukoll għal dak hemm deċiż għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daren Debono,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 2022.
[14] Artikolu 102 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Fortunatament li għen ħafna fl-investigazzjoni imma dak li għena fl-investigazzjoni huma proċeduri totalment differenti minn tal-Qorti u jiena l-istatement tiegħu ma nistax nippreżentah il-Qorti u għandi bżonn lilu jixhed viva voce sfortunatament qisu fl-investigazzjoni* ***ma tani xejn la ma jistax jixheduli l-Qorti.(enfasi tal-Qorti)***

Illi l-argument miġjub mill-avukat tal-imputat li huwa qiegħed jibża' minn xi retribuzzjoni fil-konfront tiegħu u tal-familja tiegħu jekk jixhed f'dan l-istadju ma tistax tkun ta' wens għalih għaliex din mhijiex ċirkostanza msemmija fil-liġi biex persuna tiġi eżentata milli tixhed f'kawża. Li kieku jkun mod ieħor, kull xhud jinħeles mid-dmir tiegħu li jixhed billi jallega li jekk ħa jagħti x-xhieda tiegħu huwa jkun espost għal xi periklu. Fuq kollox, ma nġabet l-ebda prova li l-imputat ġie mhedded u għalhekk din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq is-sempliċi allegazzjoni tal-avukat

Illi l-imputat ma jistax isib protezzjoni ta' din il-Qorti għal-fatt li qiegħed jibqa' jxekkel l-amministrazzjoni tal-ġustizzja bin-nuqqas illegali tiegħu li jagħti d-depożizzjoni mitluba minnu.

Illi din il-Qorti, fid-dawl tal-provi fl-atti, għandha u qiegħda ssib l-imputat ħati.

**4) Piena**

Illi epurat dan kollu jifdal biss li l-Qorti tqis x'piena għandha tinfliġġi fuq l-imputat, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-modalitá u kwantifikazzjoni tagħha.

Illi l-parametri tal-piena għal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat jemerġu mill-artikolu 522(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddisponi hekk:

> *(2) Kull xhud li ma jkunx irid jaħlef jew jixhed meta hekk meħtieġ mill-qorti jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mitt euro (€2,300) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mitt euro (€4,600) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

Illi apparti minn hekk,l-imputat ġie mixli bl-addebitu tar-reċidiva a tenur tal-aritkoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'dan il-każ kienet id-difiża stess li ppruvat bla ebda dubju l-elementi neċessarji sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkunsidra dan l-aggravju dwar il-piena. Wara li l-Prosekuzzjoni eżebiet kopja legali tas-sentenza preċedenti relattiva[15], id-difiża, matul it-trattazzjoni dwar il-libertá proviżorja magħmula fil-preżentata ta' dawn il-proċeduri, eżebiet rċevuta relattiva[16] u kkonfermat li l-multa inflitta fuq l-imputat permezz tal-ewwel sentenza ġiet imħallsa. B'dan il-fatt allura, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju dwar l-identitá tal-imputat (li huwa l-istess wieħed li ġie kkundannat preċedentement), li dik is-sentenza hija waħda finali u li l-multa hemm imposta tħallset (u b'hekk skatta wkoll it-terminu għall-applikazzjoni tal-artikolu 50). Allura ma kien hemm ebda ħtieġa, f'dan il-każ, li jittella' jixhed ir-Reġistratur tal-Qorti dwar dak li huwa ovvju, ċar u ppruvat (anzi ammess mill-istess difiża).

[15] Dwar dan, fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-5 ta' Novembru 2001.

[16] Dok GC, a fol 13 tal-proċess.

Illi b'hekk ma hemm xejn x'jostakola lill din il-Qorti milli tagħti effett għal dak li jridu l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u hekk sejra tagħmel.

Illi l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu u l-artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li l-piena m'għandhiex tkun waħda biss monetarja, għaliex altrimenti tkun qiegħda tnaqqas il-gravitá tal-fatt li l-imputat qiegħed ikun ostakolu, mingħajr ebda ġustifikazzjoni legali, fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Piena monetarja biss, tkun ripetizzjoni ta' dak li seħħ preċedenti fil-proċeduri kontra l-imputat. Għal din il-Qorti, il-piena għandha tkun kemm waħda karċerarja u ta' natura pekunjarja.

Illi magħmul dan l-eżerċizzju din il-Qorti tqis li l-piena idonja għandha tkun dik ta' xahrejn priġunerija effettiva flimkien ma multa sostanzjali, iżda mhux fil-massimu tagħha.

## 5) Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 522(2)(3)(5), 49 u 50 u tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement tikkundannah għal piena ta' xahrejn (2) priġunerija effettiva, li minnu għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-proċediment, kif ukoll għal multa ta' tlett elef Ewro (€3000) li għandha titħallas b'mod immedjat. Fin-nuqqas li l-multa titħallas puntwalment, din għandha tiġi konvertita fi priġunerija skond il-liġi.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur